

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Divorzju U Separazzjoni Legali](#) > [Czechia](#)

Divorzju u separazzjoni legali

 Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' divorzju?

Il-qorti tiddeċiedi dwar id-divorzju fuq it-talba ta' wieħed mill-konjuġi. Matul il-proċedura, hija tiddetermina jekk il-motivi tad-divorzju jeżistux jew le, jiġifieri jekk iż-żwieġ tkissirx u l-kawżi ta' dan it-tkissir.

Iż-żwieġ huwa awtomatikament ikkunsidrat bħala li tkisser jekk ikun dam tal-inqas sena, u jekk il-konjuġi ma jkunux għadhom jikkoabitaw flimkien għal mill-inqas sitt xhur u li l-konjuġi l-ieħor jingħaqad mat-talba għad-divorzju. Il-qorti ma teżaminax il-kawżi tat-tkissir u tagħti d-divorzju jekk hija tikkonkludi favur il-veraċità tad-dikjarazzjonijiet konkordanti tal-konjuġi dwar it-tkissir u l-intenzjoni tagħhom li jiksbu d-divorzju, u bil-kundizzjoni li l-konjuġi jippreżentaw:

- deċiżjoni tal-qorti definittiva li tapprova l-ftehim dwar l-adattazzjoni, għall-perjodu wara d-divorzju, tar-relazzjonijiet tal-konjuġi mat-tfal minuri tagħhom li għadhom ma jgawdux minn kapaċità ġuridika sħiħa;
- ftehim bil-miktub bil-firem uffiċjalment awtentikati tal-konjuġi, li jirregola r-relazzjonijiet patrimonjali, il-kwistjoni tal-akkomodazzjoni u l-manteniment eventwali għall-perjodu li jiġi wara d-divorzju.

Jekk il-konjuġi għandhom wild minuri, id-divorzju ma jistax jiġi deċiż jekk, għal raġunijiet partikolari (pereżempju, id-diżabbiltà fiżika jew mentali tal-wild), dan ikun kuntrarju għall-interessi ta' dan tal-aħħar. Id-divorzju ma jista' lanqas jiġi deċiż sakemm id-deċiżjoni dwar l-adattazzjoni, għall-perjodu li jiġi wara d-divorzju, tar-relazzjonijiet tal-konjuġi mat-tfal minuri tagħhom ma tkunx saret definittiva.

Jekk iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali jkunu favur iż-żamma taż-żwieġ, il-qorti ma tilqax it-talba għad-divorzju li joġġezzjona għaliha l-konjuġi li ma kkontribwiex prinċipalment għat-tkissir taż-żwieġ bin-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi konjugali tiegħu u liema divorzju jikkawżalu preġudizzju partikolarment gravi. Madankollu, jekk il-konjuġi ma jikkoabitawx flimkien għal aktar minn tliet snin, il-qorti tilqa' id-divorzju jekk iż-żwieġ ikun tkisser.

2 X'inhuma r-raġunijiet għal divorzju?

Ir-raġunijiet għad-divorzju huma kkostitwiti minn tkissir profond, permanenti u irreversibbli tar-rabta konjugali, li jeskludu kull kontinwazzjoni tal-ħajja flimkien tal-konjuġi.

3 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' divorzju f'dak li jirrigwarda:

3.1 ir-relazzjonijiet personali bejn il-konjuġi (pereżempju l-kunjom)?

Il-konjuġi li adottat il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor għandha l-possibbiltà, f'terminu ta' sitt xhur mid-data li fiha d-deċiżjoni ta' divorzju tkun saret definittiva, li tinforma l-uffiċċju tal-insinwa (*matriční úřad*) li hija tixtieq tadotta l-kunjom preċedenti tagħha jew li ma tridx aktar li kunjom żewġha jagħmel parti minn kunjomha.

3.2 il-qsim tal-proprjetà tal-konjuġi

Id-divorzju jtemm il-komunità tal-akkwisti tal-konjuġi.

F'każ ta' xoljiment jew ta' estinzjoni tal-komunità tal-akkwisti jew ta' tnaqqis tal-firxa tagħha, id-drittijiet u l-obbligi komuni preċedenti jiġu likwidati. Il-ftehim ta' likwidazzjoni jrid ikun bil-miktub jekk għe konkluż matul iż-żwieġ jew jekk il-likwidazzjoni tirrigwarda beni li għall-kuntratt tat-trasferiment tiegħu hemm bżonn il-forma bil-miktub. Jekk il-konjuġi ma jirnexxilhomx jiftiehem dwar il-likwidazzjoni tal-komunità tal-akkwisti, hija l-qorti li tiddeċiedi dwar dan, fuq it-talba ta' waħda mill-konjuġi. Għal-likwidazzjoni tal-komunità tal-akkwisti, il-qorti titlaq mill-assunzjoni tal-ugwaljanza tal-ishma taż-żewġ konjuġi f'din il-komunità. Kull wieħed mill-konjuġi huwa intitolat jitlob ir-rimborż tas-sehem tal-assi proprji tiegħu li kkontribwixxa bihom fil-komunità u huwa obbligat jirrimborża dak li tħallas mill-assi komuni għall-assi esklussivi tiegħu stess. Matul il-likwidazzjoni, jittieħed prinċipalment kont tal-bżonnijiet tat-tfal dipendenti minnu, il-mod li bih kull wieħed mill-konjuġi ħa ħsieb il-familja (b'mod partikolari it-tfal u d-dar matrimonjali) u kif kull wieħed mill-konjuġi kkontribwixxa għall-akkwist u għaż-żamma tal-assi li jagħmlu parti mill-komunità tal-akkwisti.

Jekk, fit-tliet snin li jsegwu x-xoljiment tal-komunità tal-akkwisti tal-konjuġi, din tal-aħħar ma kinitx is-suġġett ta' ftehim ta' likwidazzjoni jew li, fit-tliet snin li jsegwu x-xoljiment tagħha, ma tkunx intalbet il-likwidazzjoni permezz ta' rikors quddiem il-qorti, il-beni mobbli tanġibbli huma meqjusa li jappartjenu lill-parti li tużahom esklussivament bħala sidhom għall-bżonnijiet tagħha, dawk tal-familja tagħha jew dawk tad-dar matrimonjali. Il-beni mobbli tanġibbli l-oħrajn u l-beni immobbli huma meqjusa bħala li jappartjenu lill-koproprjetà diviża u f'ishma ugwali bejn iż-żewġ koproprjetarji; dan il-piñcipju japplika wkoll għad-drittijiet l-oħra ta' proprjetà, krediti u dejn.

3.3 it-tfal minorenni tal-konjuġi

Qabel ma tiddeċiedi dwar id-divorzju tal-ġenituri ta' wild minuri li għadu ma jgawdix minn kapaċità ġuridika sħiħa, il-qorti tiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-ġenituri lejn uliedhom għall-perjodu ta' wara d-divorzju. Hija tispeċifika b'mod partikolari l-konjuġi li jkollu l-kustodja tal-wild u tistabbilixxi l-modalitajiet li skonthom kull wieħed mill-ġenituri jrid jikkontribwixxi għall-manteniment tal-wild.

3.4 l-obbligu ta' ħlas tal-manteniment lill-konjuġi l-ieħor?

Konjuġi divorzjat għandu l-obbligu li jħallas manteniment lill-ekskonjuġi tiegħu li mhuwiex kapaċi jmantni lilu nnifsu, fil-każ li inkapaċità tali toriġina miż-żwieġ jew hija relatata miegħu. Fid-determinazzjoni tal-manteniment, jittieħed kont b'mod partikolari tal-età, l-istat ta' saħħa matul id-divorzju u t-tmiem tal-manteniment tat-tfal miż-żwieġ. Jekk il-konjuġi ma jirnexxilhomx jiftiehem dwar l-ammont tal-manteniment, hija l-qorti li tiddeċiedi dwar dan fuq it-talba ta' waħda mill-konjuġi. Il-manteniment jista' jiġiħallas f'somma waħda jew f'pagamenti regolari.

Jekk il-konjuġi jew ekskonjuġi ma jirnexxilhomx jiftiehem dwar il-kwistjoni tal-manteniment, il-qorti tista' tagħtih, għal perjodu massimu ta' tliet snin li jibdeu jiskorru mid-data tad-divorzju, fuq it-talba tal-konjuġi li ma kkontribwix prinċipalment għat-tkissir taż-żwieġ u li, minħabba d-divorzju, sofra preġudizzju partikolarment gravi.

Id-dritt għal manteniment jintilef jekk l-ekskonjuġi intitolat għall-manteniment jerġa' jiżżewweġ jew jikkonkludi sħubija reġistrata.

4 F'termini prattiċi, xi jfisser it-terminu legali "separazzjoni ġudizzjarja"?

Il-kunċett ta' separazzjoni legali ma jeżistix fir-Repubblika Ċeka.

5 X'inhuma l-kundizzjonijiet għal separazzjoni ġudizzjarja?

Ara r-risposta tad-domanda nru. 4.

6 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' separazzjoni ġudizzjarja?

Ara r-risposta tad-domanda nru. 4.

7 Fil-prattika, xi jfisser it-terminu "annullament taż-żwieġ"?

Il-qorti tannulla żwieġ - anki fuq l-inizjattiva tagħha stess - jekk iż-żwieġ ikun ġie konkluż bejn raġel jew mara diġà miżżewweġ/miżżewġa, ma' persuna li diġà daħlet fi sħubija reġistrata jew unjoni simili oħra barra mill-pajjiż, jekk dan iż-żwieġ, din is-sħubija jew din l-unjoni simili l-oħra għadha teżisti; jew bejn axxendent u dixxendent, bejn l-aħwa jew bejn persuni relatati permezz tal-adozzjoni.

Il-qorti tannulla ż-żwieġ fuq it-talba tal-konjuġi li l-kunsens tiegħu sabiex jidħol għaż-żwieġ inkiseb taħt pressjoni li tikkonsisti fl-użu tal-forza jew tat-theddida tal-użu tal-forza, jew il-kunsens sabiex jidħol għaż-żwieġ irriżulta minn żball dwar l-identità tal-konjuġi futur tiegħu jew in-natura tan-negozjati ta' żwieġ. It-talba għall-annullament tista' titressaq sa mhux aktar tard minn sena mill-ewwel data minn meta l-konjuġi seta' aġixxa kont meħud taċ-ċirkustanzi jew minn meta s-sitwazzjoni reali saret magħrufa. Il-qorti tiddeċiedi dwar l-annullament taż-żwieġ fuq talba ta' kull persuna li għandha interess leġittimu, jekk iż-żwieġ ikun ġie konkluż minkejja l-eżistenza ta' ostakolu legali (pereżempju l-fatt li persuna tkun taħt l-età jew l-inkapaċità legali, iżda dan ma japplikax f'każ ta' inkapaċità legali limitata).

Iż-żwieġ huwa null jekk, fil-każ ta' għall-inqas parti waħda għaż-żwieġ, il-kundizzjonijiet li trid tikkonforma magħhom bla riżerva ta' xejn kienu neqsin mill-kunsens tagħha għaż-żwieġ jew fiċ-ċerimonja taż-żwieġ jew f'rabta magħha.

8 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jingħata annullament taż-żwieġ?

Ara r-risposta tad-domanda nru. 7.

9 X'inhuma l-konsegwenzi legali ta' annullament taż-żwieġ?

Żwieġ li jiġi annullat minn qorti jitqies mill-bidu nett bħala li qatt ma ġie konkluż (*ex tunc*). Madankollu, dan jitqies validu sal-annullament tiegħu mill-qorti. Id-drittijiet u l-obbligi tal-konjuġi fil-konfront ta' wliedhom komuni u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom ta' natura patrimonjali wara l-annullament taż-żwieġ jiġu rregolati permezz tal-istess dispożizzjonijiet bħal dawk applikabbli fil-każ ta' divorzju. Id-deċiżjoni ta' annullament taż-żwieġ timplika li d-dikjarazzjoni tal-allegati konjuġi dwar il-kunjom, hija wkoll, tinsab ivvizjata b'nullità assoluta. Iż-żewġ konjuġi jirkupraw, għalhekk, il-kunjom oriġinali tagħhom u mhumiex intitolati jagħżlu bejn iż-żewġ kunjomiet. Wara l-annullament taż-żwieġ, l-isem tat-tfal jibqa' l-istess. Il-paternità preżunta tibqa' mal-konjuġi tal-omm u dan, anki wara l-annullament taż-żwieġ.

10 Hemm mezzi alternattivi mhux ġudizzjarji biex jissolvew il-kwistjonijiet relatati mad-divorzju mingħajr il-bżonn ta' rikors il-qorti?

Jeżistu numru ta' servizzi ta' pariri (*counselling*) fl-oqsma tar-relazzjonijiet familjari, konjugali u interpersonali. Possibbiltà oħra hija l-medjazzjoni. Informazzjoni aktar dettaljata tinsab fuq is-siti web tal-Assoċjazzjoni tal-medjaturi tar-Repubblika Ċeka (*Asociace mediátorů České republiky*) u tal-Assoċjazzjoni ta' konsulenti konjugali u għall-familja tar-Repubblika Ċeka (*Asociace manželských a rodinných poradců České republiky*) - ara l-ħoloq aktar 'l isfel. Madankollu, ix-xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju huwa possibbli biss abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti li saret definittiva.

11 Fejn għandi nippreżenta r-rikors (petizzjoni) tiegħi għal divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ? Liema formalitajiet għandhom jitħarsu u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

It-talbiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' divorzju jew ta' annullament taż-żwieġ jitressqu quddiem il-qorti distrettwali (*okresní soud*) f'liema disrett il-konjuġi għandhom jew kellhom l-aħħar domiċilju komuni tagħhom fir-Repubblika Ċeka, dment li tal-inqas parti waħda mill-konjuġi jkollha d-domiċilju tagħha fid-distrett tal-qorti. Fin-nuqqas ta' tali qorti, tkun kompetenti l-qorti ordinarja tal-konjuġi li ma ressaqx it-talba tal-ftuħ tal-proċedura u, jekk lanqas din il-qorti ma teżisti, tkun kompetenti l-qorti ordinarja tal-konjuġi li jkun l-awtur tar-rikors li ta lok

għall-proċedimenti. Permezz ta' qorti ordinarja ta' persuna fiżika, wieħed jifhem il-qorti distrettwali għad-distrett li din il-persuna hija domiċiljata fih u, fin-nuqqas ta' domiċilju, il-qorti distrettwali għad-distrett li l-persuna tirrisjedi fih. Permezz ta' domiċilju, wieħed jidher il-post fejn tgħix il-persuna bl-intenzjoni li tibqa' tgħix hemm b'mod permanenti (dawn il-postijiet jistgħu jkunu multipli, f'liema każ il-qrati korrispettivi kollha jitqiesu bħala qrati ordinarji). Għal aktar informazzjoni, ara l-informazzjoni dwar il-kompetenza ġudizzjarja.

It-talba trid issir bil-miktub u tindika b'mod ċar il-qorti destinatarja, l-awtur tagħha, l-identifikazzjoni preċiża tal-partijiet (ismijiet kompluti, kunjom, numru personali tat-twelid jew data tat-twelid, indirizz residenzjali permanenti jew indirizz tal-posta), iż-żwieġ ikkonċernat (konklużjoni taż-żwieġ, ċirkustanzi, żvilupp u kawżi tat-tkissir tiegħu). It-talba trid tiġi ffirmata u ddatata. F'każ ta' talba fejn iż-żewġ konjuġi jkunu qablu dwar id-divorzju, din trid tikkontjeni l-frem taż-żewġ konjuġi. Il-fatti allegati f'din it-talba jridu jiġu elaborati b'evidenza dokumentata.

12 Nista' ningħata għajjnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Il-partijiet mhumiex ġeneralment intitolati għall-kumpens tal-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti ta' divorzju, annullament taż-żwieġ jew dik li tistabbilixxi l-validità taż-żwieġ. Il-qorti tista' tagħti kumpens għat-totalità jew għall-parti minn dawn l-ispejjeż jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ jew is-sitwazzjoni tal-partijiet tiġġustifikah. Fuq talba, il-president tal-awla jista' jeżenta il-partijiet mill-integralità jew minn parti tal-ispejjeż legali jekk is-sitwazzjoni tagħhom tiġġustifikah u li din l-eżenzjoni ma tippermettix lill-partijiet li jsostnu xi drittijiet tagħhom, jew li joġġezzjonaw għal xi drittijiet, b'mod arbitrarju jew b'mod li ma jkunx utli. Jekk jeħtieġ li l-interessi ta' waħda mill-partijiet jiġu protetti, din il-parti tista' titlob ukoll lill-qorti sabiex jinħatrilha avukat. Il-qorti għandha l-possibbiltà wkoll li taħtar avukat qabel il-bidu tal-proċedura, iżda l-parti kkonċernata trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni mill-ispejjeż legali. Il-parti kkonċernata trid tiġġustifika quddiem il-qorti s-sitwazzjoni soċjali u patrimonjali tagħha u tad-dħul tagħha.

Barra minn hekk, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi dwar il-professjoni ta' avukat huma ssodisfatti, huwa possibbli li jintalab lill-Kamra tal-Avukati Ċeka (*Česká advokátní komora*) sabiex wieħed jibbenefika, b'xejn jew permezz ta' ħlas ridott, mis-servizzi legali ta' avukat.

13 Huwa possibbli li deċiżjoni relatata ma' divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ tiġi appellata?

Huwa possibbli li jsir appell minn deċiżjoni ta' divorzju jew ta' annullament ta' żwieġ fil-ħmistax-il ġurnata li jibdeu jiskorru min-notifika tal-kopja bil-miktub tad-deċiżjoni tal-qorti. L-appell isir bil-miktub quddiem il-qorti li l-appell qiegħed isir kontriha. Jekk jingħata digriet ta' rettifika tad-dispożittiv tad-deċiżjoni oriġinali, dan it-terminu jibda jiskorri mid-data li fih dan id-digriet ta' rettifika ikun daħal fis-seħħ. Appell jitqies xorta waħda li jkun sar fil-ħin jekk ikun sar wara l-iskadenza tad-terminu ta' ħmistax-il ġurnata, fil-każ fejn l-appellant ikun mexxa mal-istruzzjonijiet żbaljati tal-qorti rigward l-appell. L-appell ikun inammissibbli jekk tkun ġiet milqugħa talba konġunta għad-divorzju.

14 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta f'dan l-Istat Membru?

Jekk deċiżjoni mogħtija fi Stat membru ieħor tal-UE (bl-esklużjoni tad-Danimarka) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell II bis"), din tiġi rikonoxxuta mingħajr proċedura partikolari. L-Uffiċċju tal-Insinwa jieħu sempliċement nota tad-deċiżjoni u jipproċedi b'mod awtomatiku għall-iskrizzjoni addizzjonali (traskrizzjoni) fil-volum korrispettiv tar-reġistru tal-insinwa fuq preżentazzjoni tal-atti meħtieġa, jiġifieri d-deċiżjoni definittiva tal-qorti tal-Istat Membru l-ieħor tal-UE, jew il-kopja ċertifikata bħala konformi, dwar id-divorzju, is-separazzjoni jew l-annullament taż-żwieġ akkumpanjata minn traduzzjoni uffiċjali fil-lingwa Ċeka, u ċ-ċertifikat previst fl-artikolu 39 tar-Regolament Brussell II bis (jew l-Artikolu 33 tal-istess regolament). Iċ-ċertifikati jitqassmu fuq talba minn parti fil-proċedura mill-qrati li jkunu ddeċidew dwar id-divorzju, is-separazzjoni jew l-annullament taż-żwieġ. Tista' issir deroga mir-rekwiżit għas-sottomissjoni ta' dan iċ-ċertifikat jekk il-fatti kollha li kieku kienu jkunu mniżżla fuq iċ-ċertifikat jirriżultaw mid-deċiżjoni nfisha jew minn dokumenti mressqa oħra (pereżempju is-sottomissjoni ta' deċiżjoni li

tinkludi klawżola ta' *res judicata*).

Madankollu, il-persuna kkonċernata tista' titlob lill-qorti distrettwali kompetenti għal deċiżjoni ta' rikonossiment jew ta' nonrikonossiment, pereżempju jekk ikun neċessarju li jiġi stabbilit b'mod ċert jekk iż-żwieġ jeżistix jew le (Artikolu 21(3) tar-Regolament Brussell II bis). F'dan il-każ, dan huwa każ ta' dritt u mhux ta' obbligu tal-persuna kkonċernata; deċiżjoni tali mill-qorti mhijiex meħtieġa sabiex wieħed jipproċedi għal iskrizzjoni normali fir-reġistru tal-insinwa.

Jekk id-deċiżjoni tkun ingħatat fi Stat Membru ieħor tal-UE qabel l-1 ta' Mejju 2004 u tal-inqas wieħed mill-partijiet fil-proċedura jkollu ċittadinanza Ċeka, id-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet matrimonjali jkunu rikonossuti abbażi ta' deċiżjoni speċjali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka (*Nejvyšší soud České republiky*). Id-deċiżjoni barranija, li tinkludi l-klawżola ta' *res judicata*, jew l-atti meħtieġa l-oħra (pereżempju, il-kuntratt taż-żwieġ) jiġu sottomessi lill-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka akkumpanjati minn traduzzjoni uffiċjali fil-lingwa Ċeka u mill-awtentikazzjoni oġġla meħtieġa (superleġiżlazzjoni, postilla), ħlief jekk ftehim internazzjonali jkun jipprovdi mod ieħor. Informazzjoni aktar dettaljata dwar din il-proċedura tinsab fis-sit web tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka - ara l-ħolqa aktar 'l isfel.

Uħud mill-ftehimiet bilaterali ta' għajnuna legali li huma vinkolanti fuq ir-Repubblika Ċeka (dan jirrigwarda ftehimiet mar-Repubblika Slovakkja, l-Ungerija u l-Polonja), fihom dispożizzjonijiet ta' rikonossiment ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet oħra li mhumiex ta' natura patrimonjali mogħtija mill-awtoritajiet tal-parti l-oħra kuntrattwali (inkluż id-deċiżjonijiet ta' divorzju / separazzjoni legali / annullament taż-żwieġ), li huma rikonossuti fir-Repubblika Ċeka mingħajr ebda proċedura partikolari; l-uffiċċju tal-insinwa jieħu sempliċement nota tagħhom. F'każijiet tali, l-uffiċċju tal-insinwa jipproċedi għal iskrizzjoni addizzjonali (traskrizzjoni) fir-reġistru tal-insinwa fuq preżentazzjoni tad-deċiżjoni barranija li tinkludi klawżola ta' *res judicata*, akkumpanjata minn traduzzjoni uffiċjali fil-lingwa Ċeka u mill-awtentikazzjoni oġġla meħtieġa (superleġiżlazzjoni, postilla), ħlief jekk ftehim internazzjonali jkun jipprovdi mod ieħor. L-iżviluppi li jippreċedu ma jgħoddux madankollu ħlief jekk id-deċiżjoni tkun ingħatat qabel l-1 ta' Mejju 2004; inkella tapplika l-proċedura stabbilita fir-Regolament Brussell II bis - ara aktar 'il fuq.

Ir-Repubblika Ċeka hija parti kuntrattwali fil-Konvenzjoni dwar ir-rikonossiment tad-divorzji u tas-separazzjonijiet legali (L-Aja, l-1 ta' Ġunju 1970). Jekk id-deċiżjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din il-Konvenzjoni, skont il-prattika fis-seħħ fir-Repubblika Ċeka, ir-rikonossiment tagħhom ma teħtieġ ebda proċedura partikolari quddiem il-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka, sakemm dawn id-deċiżjonijiet ikunu saru definittivi wara l-11 ta' Lulju 1976, data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija konvenzjoni għar-Repubblika Ċeka. Id-deċiżjoni barranija, li tinkludi l-klawżola ta' *res judicata*, tiġi ppreżentata lill-uffiċċju tal-insinwa akkumpanjata minn traduzzjoni uffiċjali fil-lingwa Ċeka u mill-awtentikazzjoni oġġla meħtieġa (superleġiżlazzjoni, postilla), ħlief jekk ftehim internazzjonali jkun jipprovdi mod ieħor.

15 F'liema qorti għandi nirrikorri biex nopponi għar-rikonossiment ta' deċiżjoni dwar divorzju/separazzjoni ġudizzjarja/annullament taż-żwieġ mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Id-deċiżjoni tista' tiġi kkontestata għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament Brussell II bis. Fit-tali każ, ikun possibbli li titressaq kawża quddiem il-qorti distrettwali territorjalment kompetenti, li hija l-qorti ordinarja tal-persuna fiżika li t-talba hija diretta kontriha.

Ir-rikonossiment awtomatiku tad-deċiżjoni mill-uffiċċju tal-insinwa f'konformità ma' ftehim bilaterali jew mal-Konvenzjoni dwar ir-rikonossiment tad-divorzji u tas-separazzjonijiet legali (L-Aja, l-1 ta' Ġunju 1970) jista' jkun is-suġġett ta' appell fi proċedura amministrattiva bil-possibbiltà ta' appell sussegwenti quddiem il-qorti reġjonali kompetenti fil-kuntest tas-sistema ġudizzjarja amministrattiva.

M'hemmx appell mir-rikonossiment ta' deċiżjonijiet mill-Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka.

16 Liema liġi tad-divorzju tiġi applikata mill-qorti fil-proċeduri ta' divorzju bejn konjuġi li ma jgħixux f'dan l-Istat Membru jew li huma ta' nazzjonalitajiet differenti?

Fir-Repubblika Ċeka, ix-xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju huwa rregolat permezz tas-sistema ġuridika tal-Istat li l-konjuġi kienu ċittadini tiegħu meta fetħu l-proċedimenti tad-divorzju. Jekk il-konjuġi jkunu ċittadini ta' pajjiżi differenti, ix-xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju jkun irregolat permezz tas-sistema ġuridika tal-Istat li fih il-konjuġi għandhom ir-residenza abitwali tagħhom u, fin-nuqqas ta' dan, permezz tas-sistema ġuridika Ċeka.

Madankollu, jekk id-divorzju kellu jkun irregolat minn sistema ġuridika barranija li ma tippermettix ix-xoljiment taż-żwieġ permezz ta' divorzju jew li ma tippermettix ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonalment diffiċli, u sakemm tal-inqas wieħed mill-konjuġi jkun ċittadin tar-Repubblika Ċeka jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu fir-Repubblika Ċeka, huwa d-dritt Ċek li jkun applikabbli.

Ħoloq utli

[Assoċjazzjoni ta' medjaturi tar-Repubblika Ċeka](#)

[Assoċjazzjoni ta' konsulenti konjugali u għall-familja tar-Repubblika Ċeka](#)

[Qorti Suprema tar-Repubblika Ċeka – rikonoxximent ta' deċiżjonijiet barranin](#)

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



■ L-aħħar aġġornament: 16/12/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.